MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2015

Rikors Ta Revoka Numru. 89/2015

**A B C**

**vs**

**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' D E li jaqra' kif gej:-

1. "Illi fl-20 ta' April, 2015, dina l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 96/2015 kontra l-konvenut D E, in kawtela ta' sorti ta' tletin elf Ewro (€30,000), imghax u spejjez rizervati, dovuti mill-konvenut bhala arretrati ta' manteniment

ghal ulied kif kwantifikati permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014.

2. Illi mill-lat procedurali, il-konvenut jirrileva li ma gietx osservata l-kondizzjoni procedurali li rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju jigi kkonfermat bil-gurament mill-attrici u dana kif jirrikjedi l-Artiklu 831(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ir-rikors ghall-mandat de quo ghandu jigi ddikjarat null.

*3.* Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li skond is-sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 2014, l-Onorabbli Qorti ddecidiet bil-mod segwenti ossia: *"ii. L-ammont ta' €30,000 rapprezentanti f'arretrati ta' manteniment ghall-ulied. Tali ammont irid jithallas mir-rikorrent fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun res judicata jew inkella minn sehem l-istess rikorrent mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;"*

4. Illi minbarra l-fatt li s-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 mhiex res judicata (kif ser jigi spjegat iktar l-isfel), mill-istess sentenza jirrizulta li l-ammont pretiz mill-attrici hu adegwatament kawtelat bis-sehem tal-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali u tal-garaxx gewwa l-Mellieha. Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li, kif del resto jirrizulta mis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet D E vs B A C E (53/2010), il-partijiet qabblu li d-dar matrimonjali u l-garaxx ghandhom valur ta' 160,000 Ewro.

5. Illi ghalhekk, l-attrici mhux se ssofri ebda pregudizzju jekk il-mandat de quo ma jibqax in vigore, ghal kuntrarju l-pregudizzju qed isofrih il-konvenut peress illi l-mandat de quo inhareg ukoll fuq is-salarju tieghu minbarra fuq numru ta' banek u ghalhekk il-konvenut mhux ha jkun jista jlahhaq mal-pagamenti kollha li jrid jaghmel fosthom lil bank ghall-pagament versu s-self fuq id-dar matrimonjali, mal-pagament ta' manteniment ghall-ulied li qed jaghmel kull xahar kif ordnatlu l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2014, ma' pagamenti ohra sabiex jista' jmantni lilu nnifsu u kif ukoll pagamenti ohra.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa importanti li dina l-Onorabbli Qorti tkun ghal korrenti tal-isfond tal-proceduri li saru wara li nghatat is-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 imsemmija mill-attrici fir-rikors ghal hrug tal-mandat de quo. Wara li nghatat dina s-sentenza, il-konvenut induna li l-Ewwel Qorti ghamlet zewg zbalji ta' kalkolu u ghalhekk intavola rikors ai termini tal-Artiklu 825 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti degretat dana r-rikors izda b'sorpriza kbira ma laqghetx it-talba tal-konvenut. Zewg rikorsi wara, l-Ewwel Onorabbli Qorti ammettiet li ghamlet zball ta' kalkolu wiehed izda baqghet tinsisti li l-kwistjoni l-ohra mhiex zball ta' kalkolu u strahet fuq ir-risposta tal-attrici, minkejja li f'tali risposta tqajjmu punti li qatt ma gew accennati fis-sentenza tal-4 ta'

Dicembru 2014. In vista ta' dana, il-konvenut intavola rikors ta' appell mis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014. Fl-istess hin, biex ma jitlifx l-opportunita' fl-eventwalita' li l-Qorti tal-Appell tiddeciedi li ma hemmx appell minn decizjoni moghtija in segwitu ghal rikors maghmul ai termini tal-Artikolu 825(1), intavola kawza ta' ritrattazzjoni u sussegwentement, intavola wkoll rikors guramentat in kontradittorju tal-ahhar digriet moghti mill-Ewwel Onorabbli Qorti u li ghandu n-numru 52/2015.

Illi l-kwistjoni mertu ta' dawn il-proceduri appena elenkati fil-paragrafu precedenti jikkoncernaw x'ammont verament hallas i1-konvenut D E rigwardanti s-self fuq id-dar matrimonjali bejn il-perijodu ta' April 2005 u Gunju 2011 in vista tal-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li l-attrici ghandha tirrifondi lill-konvenut nofs l-ammont li hu hallas lil bank.

Ghalhekk, u minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet precedenti, ghalkemm ma hemm ebda kontestazzjoni li l-ammont ta' 30,000 Euro huma dovuti lill-attrici per via ta' arretrati ta' manteniment ghall-ulied, jinghad li mid-decizjoni tal-4 ta' Dicembru 2014 u skond il-proceduri li ttiehdu mill-konvenut kif hawn fuq spjegat, li lkoll ghadhom pendenti, jirrizulta li l-attrici ghandha taghti lill-konvenut ferm iktar minn tletin elf Ewro u ghalhekk hemm lok li meta l-Qorti tiddeciedi l-proceduri li ttiehdu mill-konvenut kif hawn fuq spjegat u sussegwentement tinbiegh id-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa 1-Mellieha, issir it-tpacija ta' dawna l-ammonti - anke in vista tal-fatt li l-attrici tghix barra minn Malta u ghandha hajja gdida barra minn Malta u l-konvenut ikollu jaffaccja diffikultajiet kbar biex jirkupra l-ammonti dovuti lilu minghand l-attrici fl-eventwalita' li tonqos milli thallsu. Dana qed jinghad ukoll peress illi l-konvenut m'ghandu ebda kuntatt mall-attrici u lanqas ma jaf fejn toqghod flimkien ma uliedhom. Ghalhekk, in vista tal-eventwalita' li l-attrici hi debitrici tal-konvenut f'ammont ferm ikbar minn €30,000, il-mandat ta' sekwestru de quo m'ghandux jibqa' in vigore. Inoltre, jekk ghall-argument jirrizulta li l-attrici ghandha taghti lill-konvenut l-ammont kif stipulat fis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014, bi tpacija, l-ammont effettivament dovut lill-attrici huwa ferm inqas minn €30,000 u ghalhekk il-mandat de quo huwa ferm eccessiv.

7. Illi kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni ta' dina l-kawza, ghandu jigi mpost fuq l-attrici penali xierqa hekk kif jikkontempla l-Artiklu 836(8) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li l-konvenut D E jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tappunta u tisma' dana r-rikors b'urgenza, titlob li l-mandat ta' sekwestru kawtolatorju bin-numru 96/15 fl-ismijiet fuq premessi jigi rrevokat a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(b), (c), (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u timponi penali xierqa fuq l-attrici favur tieghu a tenur ta' l-

Artikolu 836(8)(a), (b), (c) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut jitlob ulterjorment li jekk fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li 1-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 96/15 fl-ismijiet fuq premessi ghandu jibqa' in vigore, li in vista tal-premess, ma jibqax in vigore versu Pisciculture Marine de Malte Ltd ossia versu s-salarju tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk koncernanti l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 96/15 fuq premessi, kontra l-attrici."

Rat ir-risposta ta' A B C li taqra' kif gej:-

"Illi permezz tal-procedura odjerna r-rikorrenti qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka 1-mandat de quo minhabba s-segwenti ragunijiet:

836. (b) li wahda rnill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti:

(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni;

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;

(j) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Illi l-esponenti ser tindirizza l-lanjanzi sollevati punt punt:

1. 836. (b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;

Illi r-rikorrenti jillanja illi l-esponenti ma kkonfermatx it-rikors bil-gurament a tenur ta' artikolu 831.2 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigi rilevat illi bhal ma jaf ben tajjeb ir-rikorrenti, 1-esponenti tirrisjedi permanentement barra minn Malta u r-rikors inhalef mill-avukat sotto-firmat bhala mandatarju specjali ta' l-esponenti.

Ghalhekk din il-lanjanza hija nfondata.

2. 836. (c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-gorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni.

Illi r-rikorrenti jibda billi jillanja illi is-sentenza ma hijiex res judicata. Fuq dan il-punt jigi rilevat ghalkemm ittrlrvanti, illi huwa propju minhabba dan illi ntalab il-hrug ta' mandat kawtelatorju u mhux esekuttiv. Oltre dan issir referenza ghal artikolu 255 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi illi sentnezi li bihom jigi ordnat hlas ta' manteniment huma esegwibbli wara erbgha u ghoxrin sena. Dan nonostante illi s-sentenza li ab bazi taghha inhareg il-mandat de quo (annessa Dok A) iffissa bhala manteniment pagabbli lill-esponenti ghal ulieda minuri, Mikkiel ta' erbatax (14) il-sena u Mathias ta' sittax (16) il-sena l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€ 250) kull wild sa ma jaghlqu l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena fl-eventwalita' li jibqghu jistudjaw. Ghalhekk kieku dan l-ammont kellu jigi kwantifikat ifisser illi 1-obbligu tal-hlas ta' manteniment tar-rikorrenti jammonta ghal (Mikkiel 14-23 = 9 snin x 12 x €250 = € 27,000) (Matthias 16-23 = 7 snin x 12 x € 250 = € 21,000) € 48,000.

Illi huwa minnu illi l-esponenti trid tirrifondi lir-rikorrenti l-ammont ta' € 17,884, izda dan sikurament ma jistax jiqies li jkun hemm tpaclia in toto kif jipprova jghid ir-rikorrenti.

Illi oltre dan fis-sentenza su-referita l-Qorti ordnat il-hlas ta' arretrati ta' manteniment ghal perjodu li fih ir-rikorrenti ma hallas l-ebda manteniment ghal uliedu fl-ammont ta' €30,000. Il-mandat de quo gie intavolat sabiex jikkawtela unikament il-hlas ta' €30,000, u mhux €78,000 kif setghat legalment u facilment ghamlet l-esponenti.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad illi l-fond matrimonjali hija garanzija sufficentidement li r-rikorrenti ma jipprovdix xi garanzija bankarja li tkopri l-ammont tal-mandat.

Illi huwa minnu illi l-kontendenti qablu illi l-fond matrimonjali ghandu valur ta' € 160,000 izda bhal ma jirrizulta mir-rikors promotur hemm ammont sostanzjali ta' self x' jrid jithallas lura meta din tinbiegh u sikurament sehem ir-rikorrenti, wara li jitnaqqas is-self ma huwiex bizzejjed sabiex jiggarantixxi, il-hlas ta' manteniment l-ammonti kif fuq inghad.

3. 836(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew;

Illi huwa ormai kostanti fil-gurisprudenza nostrali, illi l-mandati kawtelatorji jinhargu mill-Qorti, jekk ikun prima facie jidher li l-jedd tal-persuna li titlobu ikun jista jigi miksur jew prequdikat kemm il-darba l-att kawtelatorju ma jinharigx.

Illi jinsab ritenut 'l-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qed jitalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tisharreg li r-rekwisiti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbusiv';

Illi minn dak li fuq inghad ma jistax ragjonevolment jinghad illi l-ammont mitlub ma huwiex prima facie gustifikat jew li huwa eccessiv. Illi fuq dan il-punt jinsab ritenut 'illi biex ammont imsemmi fatt kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun esagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod zzardat';

4. 836( f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli

Illi fuq dan il-punt ir-rikorrenti iressaq l-argument illi ma huwiex gustifikabbli illi l-mandat jibqa fis-sehh peress illi 'l-mandat de quo inhareg ukoll fuq is-salarju tieghu minbarra fuq numru ta' banek u ghalhekk il-konvenut mhux ha jkun jista' jlahhaq mal-pagamenti kollha li jrid jaghmel fosthom lil bank ghall-pagament versu s-self fuq id-dar matrimonjali, mal-pagament ta' manteniment ghall-ulied'.

Illi huwa precisament ghal dan il-ghan li nhareq il-mandat ghaliex kemm ilha ghaddejja din il-kontensjoni cirka sebgha snin ir-rikorrenti x' aktarx qaghad attent ma jiddepositax flus fil-banek fuq ismu izda ghamel minn kollox sabiex meta rinfaccjat, jevadi l-effetti ta' eventwali mandat. Huwa inkoncepibbli li minn paga ta' cirka €2,2004, fix-xahar ir-rikorrenti ma rnexxielu igemma xejn u jkollu depositi sostanzjali fil-banek meta skond il-paga ddikjarara tieghu tul dawn l-ahhar sebgha snin qala mingnajr bonuses xejn anqas minn € 184,800. Jew wiehed jistaqsi, ir-rikorrenti bhal ma solitament jigri huwa propens ma jhallasx l-arretrati ta' manteniment ghaliex nuqqas ta' hlas ta' dan ma huwiex prosegwibbli kriminalment?

Illi oltre dan fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jitolbu illi l-esponenti tigi kkundannata thallas penali peress illi qed jinghad illi t-talba ghall hrug tal-mandat de quo hija frivola u vessatorja u saret b'malizija;

Illi gie ritenut mill-Qrati nostrali, illi sabiex jirrizulta li hemm abbuz, frivolosita' jew malizja 'tali abbui jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (Emanuele Calleja vs Carmelo Grima - Kollez. Vol. XXXlX. 1.24) nascenti minn male fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza (Agius Vs Dott. Carbone noe. - Kollez. Vol. X.lll. 434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall hrug ta' tali mandat kawtelatroju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesament 'priva di qualsiasi fondamento nell fatto e nel diritto per cui il gudizzjo promosso si dimostra vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell' istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite (mugliette vs Bezzina - Kollez. Vol. VVVl.l. 405);

Illi kwantu ghall imposizzjoni ta' penali": inghad li l-Qorti hija tenuta li timponi penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li il-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-Artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponiha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li listitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza' b'abbuz." Dan sikurament ma huwiex il-kaz fl-istanza odjerna.

Ghalhekk ir-rikors odjern ghandu jigi michud."

Rat l-atti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2015.

Rat li r-rikors thalla ghad-decizjoni.

Ikkunsidrat.

**L-Irritwalita' tal-Mandat Kawtelatorju**.

L-ewwel kawzali mressqa mir-rikorrent ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju de quo hi fis-sens illi filwaqt li s-sekwestrant f'dan il-mandat hija A B C, ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ma hux guramentat minnha izda mill-Avukat taghha. Din il-kawzali hija msejsa fuq l-**Artikolu 831 (2) tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi kif gej fir-rigward tal-mandati kawtelatorji:-

**Artikolu 831.**

"(1) It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha, **taħt il-piena tan-nullità** tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti:

(a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur; u

(b) fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba. Jekk il-kawża tkun diġà ġiet ippreżentata fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

**(2) Ir-rikors għandu jiġi konfermat mir-rikorrent bil-ġurament:"**

Ikkunsidrat;

In tema legali fir-rigward ta' nullita' ta' atti gudizzjarji, ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet "**Anna Magro vs Emmanuela Psaila noe. et.**" fejn jinghad:-

“In-nullitajiet jistghu jkunu jew dikjarati "expressis verbis" jew le. Bhala regola generali, il-ligijiet u d-dottrina, u l-ligi taghna in partikolari, ma jiffavorux in-nullitajiet; anzi jippropendu kemm jista' jkun ghat-tezi tal-validita' tal-att li jkun hemm diskussjoni fuqu. Anki fejn in-nullita` hija dikjarata espressament mil-ligi, hija ma toperax qatt wahedha b'mod li, jekk l-att ikun sentenza, tnaqqas 'motu proprio' il-karattru ta' gudikat ta' dik is-sentenza; imma huwa mehtieg li dik in-nullita` tigi proposta mill-interessati fi zmien utili u b'wiehed mill-mezzi li trid u biss tirrikjedi l-ligi.”

Fis-sentenza moghtija fis-7 ta’ April 2009 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Bay Street Holdings Limited vs Walter Zammit Cachia u Nadia Joan Zammit** il-Qorti irriaffermat illi *non osservanza* tar-regoli ta’ procedura *ad validitatem* jirrendu mandat null.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta bhala stat ta’ fatt illi l-mandat ta’ sekwestru numru 96/15 fl-ismijiet “A B C vs D E” huwa <u>mandat kawtelatorju</u> li inhareg fuq rikors ta’ A B C izda gie konfermat bil-gurament mhux mir-rikorrenti izda mill-Avukat taghha li ismu ma jirrizultax la fl-okkju u lanqas bhala rikorrent.   Ghall-kuntrarju fl-okkju u bhala rikorrenti tidher biss A B C.

D E qed isostni illi A B C ma setghatx tipprezenta mandat kawtelatorju kontra tieghu jekk qabel ma tikkonfermax bil-gurament taghha r-rikors li jitlob il-hrug ta’ tali mandat kawtelatorju.

Ikkunsidrat;

Applikati l-ligi u l-gurisprudenza *in subiecta materia* ghandha ssir distinzjoni bejn difett f’att gudizzjarju li jwassal ghan-nullita’ u difett li huwa sanabbli.

**Artikolu 789 tal-Kap. 12** jipprovdi inter alia illi (1) L-eċċezzjoni ta’ nullità tal-atti ġudizzjarji tista’ tingħata – (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament...........”

L-Avukat tas-sekwestranti sostna illi kien hu u mhux il-patrocinata tieghu li kkonferma bil-gurament tieghu ir-rikors ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju peress li s-sekwestranti ma hiex residenti hawn Malta. Fir-risposta tieghu iddikjara li huwa "mandatarju specjali" tas-sekwestranti. Fil-fehma tal-Qorti gie sodisfacentement ippruvat illi l-Avukat tas-sekwestranti huwa l-mandatarju specjali tar-rikorrenti in kwantu skond **Artikolu 1857(2) tal-Kap. 16** "il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament." Lanqas l-aċċettazzjoni min-naħa tal-mandatarju ma teħtieġ xi forma partikolari inkwantu skont l-artikolu 1858 tal-Kodiċi Ċivili, din tista' ukoll tkun taċita u tidher mill-fatt. (Ara: **Richard Rizzo Bamber vs Giuseppina Rizzo et**" P.A. – 11 ta' Jannar 1950).

Izda, jibqa' l-fatt pero' illi filwaqt li r-rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju gie kkonfermat bil-gurament mill-Avukat tas-sekwestranti, ir-rikors ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju ma sarx mill-Avukat bhala mandatarju specjali tal-assenti A B C izda sar minn A B C.

Kif inhu risaput, mandat ta' sekwestru kawtelatorju jista' jwassal ghall-konsegwenzi serji fuq is-sekwestrat. Kien ghalhekk illi l-Legislatur esiga *ad validitatem* li mandat kawtelatorju ghandu jkun konfermat bil-gurament mill-persuna li titlob il-hrug tieghu.

Mill-atti jirrizulta 'ictu oculi' illi (1) ir-rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju sar minn A B C; (2) A B C ma kkonfermatx ir-rikors de quo bil-gurament taghha; (3) l-Avukat tas-sekwestranti ma deherx fuq ir-rikors bhala l-mandatarju specjali ta' A B C.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-rikors tal-20 ta' April 2015 li wassal ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 96/15 ma jissodisfax ir-rekwizit impost *ad validitatem* mill-Artikolu 831 (2) tal-Kap. 12 stante li r-rikorrenti sekwestranti ma kkonfermatx bil-gurament taghha r-rikors minnha intavolat. Konsegwentement il-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo huwa afflitt minn difett li ma hux sanabbli u ghalhekk huwa null u bla effett.

Stabbilit li l-mandat de quo huwa null ai termini tal-Artikolu 831 (2) tal-Kap 12, mhux mehtieg li jigu ezaminati l-kawzali l-ohra mressqa mir-rikorrenti.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

(1) Tiddikjara l-mandat kawtelatorju numru 96/15 fl-ismijiet “A B C vs D E” irritwali u null peress li r-rikorrenti ma ottemperatx ruhha mad-dispozittiv tal-Artikolu 831 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(2) Tirrevoka l-istess mandat u tordna l-hrug tal-opportun kontro- mandat.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------